**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 91/19 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CD, ED, kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri FD u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent datat 28 ta' Marzu, 2019 fejn espona s-segwenti:-**

1. Illi minn relazzjoni intima bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta CD, nhar l-1 ta' Frar, 2014, twieled il-minuri FD u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok.A).
2. Illi jirrizulta illi l-imsemmija CD kienet ghadha mizzewwga lil ED meta twieled F u ghalhekk il-wild gie registrat fuq isem il-konvenut ED u dan stante li kien prezunt li l-minuri huwa iben l-imsemmi ED .
3. Illii effettivament safejn jaf l-esponent, hi sseparat mill-istess konvenut ED ftit wara t-twelid tal-wild F.
4. Illi jinghad li huwa ben maghruf li r-rikorrent huwa l-missier bijologiku tal-minuri F tant li l-konvenuta CD mhux biss dehret fuq att pubbliku, in atti tan-Nutar Marco Burlo' nhar id-19 ta' Frar, 2014 (Dok.B anness), fejn hi ddikjarat li l-minuri huwa iben ir-rikorrent, izda hi anke halliet il-minuri jitrabba mir-rikorrent minn dak iz-zmien sal-lum u effettivament hi m'ghadhiex fix-xena.
5. Illi effettivament ir-rikorrent anke wettaq it-testijiet genetici opportuni, mil-liema gie ghal darb'ohra kkonfermat illi huwa l-missier bijologiku tal-minuri F u dan kif jirrizulta mill-anness rapport mahrug mit-Tabiba Dr. Marisa Cassar (Dok.C).
6. Illi l-esponent giet awtorizzat jipprocedi bir-rikors guramentat odjern b'digriet tal-14 ta' Marzu, 2019 (Dok. D anness).

Illi ghalhekk qed issir l-prezenti procedura sabiex:-

(i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri F maghruf bil-kunjom D huwa effettivament il-wild naturali tal-attur AB u mhux bin il-konvenut ED kif indikat fl-att tat-twelid tieghu;

(ii) Konsegwentement jigi korrett l-att tat-twelid tal-istess minuri sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tieghu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur AB  huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri F maghruf bil-kunjom  D u konsegwentement:-
2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri  FD billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigu kkancellati l-kliem "ED" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur u cioe' "AB " u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.
3. Tordna li l-kunjom tal-minuri mil-lum 'l quddiem jibda jinqara "B."
4. Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid.

Bl-ispejjes kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:-**

1. Illi l-esponent jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari ghall-paternita' in kwistjoni tal-minuri FD, naturalment huwa ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati mill-attur fir-rikors guramentat u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi stante s-suespost u tenut kont tal-fatt li mar-rikors promotur gie esebit kopja tat-test genetiku, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-istess rapport ikun mahluf mit-tekniku.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess AB sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu senjatament: (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri FD..

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partiijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi FD u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel isem ED, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' registrazzjoni 3159/2017.

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent li qieghed minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati et noe. li eccepew:-**

1. Illi huwa r-rikorrent li ghandu l-piz tal-prova u cioe' illi jrid ikun ir-rikorrent li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-fatti li l-istess rikorrent qieghed jesponi fil-konfront tal-assenti huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li fil-kapacita' taghhom mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirrizervaw l-eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

Dr. Marisa Cassaripprezentat rapport taghha, fejn wara li zammet id-DNA tests irrizultalha li AB huwa l-missier naturali ta' F li twieled fl-1 ta' Frar. 2014.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-aqwa prova li tista' ssir f'kaz ta' dikjarazzjoni paternita' hija dik tat-testijiet tad-DNA. Dawn ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri F.

Lanqas il-konvenut ED li fuqu kien registrat il-minuri, bhala zewg il-konvenuta CD u ghalhekk tiskatta l-assunzjoni li huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri F, ma gabx provi kontra dak allegat mill-attur.

Oltre minn hekk l-attur u l-konvenuta CD kienu dehru fuq att ta' rikonixximent fejn l-attur irrikonoxxa lill-minuri F bhala ibnu u dan sar fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' fid-19 ta' Frar, 2014.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur AB huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri F maghruf bil-kunjom D;
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega – a) isem u kunjom missier il-minuri jigi sostitwit bl-isem u kunjom tal-attur u cioe' "AB," b) huwa dizokkupat u kellu 30 sena c) bin G, haj d) imwieled f'Zrenjanin fis-Serbja fit-18 ta' Frar, 1983 e) jirrisjedi n-Naxxar f) Passport numru 011427963.
3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;
4. Tilqa' r-raba' talba.
5. Tilqa' ukoll il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta CD.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef** **Deputat Registratur**